MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 421/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Jannar 1980, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li z-zwieg huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c] u [d], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafu [f], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg null fil-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li hu jaqbel li z-zwieg huwa null, jitfa' r-responsabbilita' fuq l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-5 ta' Jannar 1980 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut jitfa' t-tort fuq l-attrici.

**Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Jannar 1980 meta allura l-attrici kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 31 sena, u wara li kienu lhom johorgu flimkien circa tlett snin. Wara konvivenza ta' seba' snin il-partijiet isseparaw de facto.

Illum l-attrici qieghda f' relazzjoni ma' ragel iehor stabbli li lha ghaddejja hdax-il sena.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li meta hi giet biex tizzewweg lill-konvenut hija kienet ghadha zghira u kellha wkoll xi dubji, izda peress li kienet *"ippuxxjata hafna, hafna"* minn ommha hija accettat li tkompli bir-relazzjoni u tizzewweg lill-konvenut li hu tlettax-il sena akbar minnha.

Hija tilmenta mill-fatt li tul il-konvivenza l-konvenut ma kienx juriha rispett, u li *"ghalih lanqas kont nezisti, jien ghalih semplici oggett".* Tilmenta mill-fatt li l-konvenut qatt ma kien jaghtiha flus, u ghall-bzonnijiet taghha hi kien ikollha tirrikorri ghand il-familjari taghha. Il-konvenut kien jiekol ghand ommu, filwaqt li hi kienet tiekol ghand ommha. L-attrici tghid li eventwalment skopriet li l-

konvenut kellu l-vizzju tal-loghob u ghalhekk ma kienx ikollu flus u kien jaghmel hafna dejn.

Tghid li zewgha kien ghajjur hafna, izda xorta wahda, wara l-korriment tat-tarbija, hija kienet harget tahdem, anke peress li kellha dipressjoni qawwija.

Tghid ukoll li wara l-korriment tat-tarbija, omm-il konvenut kienet ghajjritha, u hi tant kienet haditha' bi kbira li eventwalment umbrat lil zewgha u bdiet tirrifjuta li taghmel l-att konjugali mieghu.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut minn naha tieghu jichad li hu kieni xhih ma' martu u li kien ihalliha waheda, filwaqt li hu kien jmur il-kazin. Jghid li huma kienu johorgu flimkien bhala koppja mizzewga, u kienu wkoll jieklu d-dar. Kienu wkoll jiddiskutu flimkien.

Jghid li l-inkwiet inqala' meta, wara l-korriment l-attrici kienet, fuq inizjattiva taghha, harget tahdem. Rigward id-dejn jghid li kienet l-attrici li kienet halliet balla dejn meta ommha kienet trasferietlu l-hanut tal-grocer.

Il-konvenut jghid li martu kienet tghid *"irrid il-liberta'".*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel part ital-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta car li meta zzewget lill-konvenut l-attrici kienet ghadha u mmatura, u li kieku ma kinitx ghall-pressjoni ta' ommha, lanqas kienet tizzewweg. Di fatti l-attrici tghid li kellha dubji qabel iz-zwieg, izda ommha kienet tghidilha *"Binti zzewweg ghax jekk il-bambin irid kif tizzewweg l-affarijiet jinbidlu ghall-ahjar"* [fol.37], fil-fatt l-affarijiet marru ghall-aghar.

Minn naha tieghu l-konvenut jidher li kien insensittiv lejn il-bzonnijiet ta' martu, tant li eventwalment din bdiet tumbrah

u tirrifjuta li jkollha relazzjonijet intimi. Ghalhekk anke l-komportament tieghu kien ta' ostakolu sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Jannar 1980.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------